## IL-MADONNA TA'TRAPANI U ĦAL-GĦARGĦUR



Ħafna huma t-titoli li nagħtu lill-Madonna u li ħafna minnhom huma ġejjin mill-ismijiet tal-ibliet bħall-Madonna ta' Loreto, il-Madonna ta' Lourdes u l-Madonna ta' Fatima. Fost dawn unsibu wkoll il-Madonna ta' Trapani.

Trapani hija belt fi Sqallija fuq in-naħa tal-Punent, faċċata tal-gżejjer Egadi. Din hija port taħt ir-riħ tal-muntanja Erice. Hija Belt antika mwaqqfa mill-Griegi Lunzjata mibni fis-seklu tlettax.

Wieħed forsi jistaqsi x'konnessjoni għandha din il-Madonna mar-raħal tagħna u aktar u aktar man nar tal-festa? Fil-fatt kif se naraw din għandha konnesjoni mat-tnejn. Fi Sqaq Warda wara l-knisja fuq dar numru 6 hemm niċċa l-ġmiel tagħha u hija ddedikata lil-Madonna ta' Trapani. F'din, id-dar twieled u għex Ġużeppi Camilleri (ir-Ruġġa) li baqa' jissemma għan-nar sabiħ li kien jagħmel għall- festa. Huwa kien miet b'diżgrazzja tan-nar fl-1965.

It-titolu ta' din il-Madonna ġej minn storja antika ta' żmien il-Kruccjati. Xini tal-Kavallieri Templari kien għaddej minn ħdejn Trapani u nkalja fil-port ta' din il-Belt. Fuq dan ix-xini, il-kavallieri kellhom statwa ta' l-irħam tal-Madonna bil-Bambin iħares lejha, it-tnejn inkurunati u ħallewha fil-knisja tal-Lunzjata. L-istatwa għadha hemm sal-lum u d-devozzjoni lejha bdiet tinxtered minn din il-Belt.

Il-kavallieri Templari kienu bħall-kavallieri ta' Malta. L-Ordni tagħhom kienet twaqqfet fl-1118 u kellhom il-kunvent tagħhom qrib it-tempju ta' Salamun f'Gerusalem u għalhekk jissejħu 'kavallieri Templari'. L-għan tagħhom kien li jiddefendu l-art imqaddsa u jħarsu l-pellegrini li jżuru t-Terra Santa.

F'Malta, id-devozzjoni lejn din il-Madonna ġabuha l-kavallieri fil-bidu tas-seklu sbatax (1600-1699). F'dan is-seklu, kienu nbnew żewġ knejjes, waħda f'Ħaż-Żabbar u l-oħra fis-Siġġiewi u ġew ddedikati lil din il-Madonna. Barra minn dawn insibu wkoll l-istatwa ta' din il-Madonna fil-knisja ta' Loreto fil-Gudja. Ta' min jgħid li l-antenati tagħna kienu jsejjħu din il-Madonna 'Ta' Trapani'.

Julian Bezzina

IL-KUMITAT JIXTIEQ IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD